IL-LOGĦBA UFFIĊJALI

3-5 10+

# MOĦĦOK HEMM

## L-objettiv

Il-plejers iridu jirrispondu l-mistoqsijiet tal-kwiżżier biex jakkwistaw il-punti jew itellfuhom lill-plejers l-oħra.

## Kif tirbaħ

Il-plejer bl-akbar numru ta' punti fl-aħħar tal-logħba jirbaħ.

## Qabel tibda

Hekk kif tneħħi l-għatu tal-kaxxa, jinfetħu erbat iġnub bil-bords tal-punti minn fejn kull plejer jista' jsegwi l-andament tal-logħba filwaqt li jimmarka l-punti fuqhom.

Aqla' l-bażer mill-kaxxa u poġġih fil-ġenb. Aqla' t-tray fejn jinżamm il-bażer biex tikxef il-kards tal-mistoqsijiet u l-aċċessorji l-oħra.

Irmaxka l-mazzi tal-kards bil-lest. Tista' tpoġġihom lura fit-tray sakemm tiġi bżonnhom. Il-plejers jaqblu bejniethom min minnhom se jkun il-kwiżżier.

## Kif tilgħab

Il-kwiżż Moħħok Hemm maqsum f'5 logħbiet:

1. L-ewwel rankatura
2. Agħraf il-kelma
3. Stampa spunt
4. Il-kubu
5. Il-kategoriji

Kull logħba għandha l-mazz tal-kards tagħha. Il-logħba tal-kubu għandha żewġ mazzi kards.


IL-BORD TAL-PUNTI
1 L-EWWEL RANKATURA
A B Ċ
15 15 25 25 40 40
Livell 1
Livell 2
Livell 3
145
2 AGĦRAF IL-KELMA
10 10 10 10 10 10 10 10 10
10 10 10 10 10 10 10 10 10
90 = 235
3 STAMPA SPUNT
30 30
Spunt 1
Spunt 2
60 = 295
4 FIL-KUBU BIL-BAŻER
-5
-10
-80 = 215
FIL-KUBU BIT-TUBI
+ −
10 15 20 25 30 35 40 45 50 55 60 100
50 = 265
5 IL-LOGĦBA TAL-KATEGORIJI
L-EWWEL FAŻI
20 20 20 20
IL-FAŻI FINALI
20 20 20
100 = 365

### L-ordni ta' kif jilagħbu l-plejers

F'xi logħbiet il-plejers jilagħbu fl-ordni skont in-numru ta' punti li jkunu akkumulaw fil-kaxxa tat-total il-blu. F'dawn il-logħbiet, il-plejer bl-akbar numru ta' punti jibda l-ewwel u fl-aħħar jilgħab il-plejer bl-inqas punti. F'każ li żewġ plejers jew aktar ikollhom l-istess numru ta' punti, jilgħab l-ewwel plejer fuq ix-xellug tal-kwiżżier.

## 1. L-ewwel rankatura




Il-kards **L-ewwel rankatura** fihom tliet mistoqsijiet – waħda kull livell.

Il-logħba ta' **L-ewwel rankatura** fiha sitt mistoqsijiet b'kollox – tnejn minn kull livell – komuni għall-plejers kollha.

Il-kwiżżier jiġbor kard mill-mazz ta' **L-ewwel rankatura**, jistaqsi mistoqsija mil-livell li qed jintlagħab u jagħti t-tliet għażliet possibbli lill-plejers. Kull plejer jimmarka r-risposta tiegħu fuq il-bord tal-punti (A-B-Ċ). Wara li l-plejers kollha jimmarkaw ir-risposta tagħhom fuq il-bord tal-punti, il-kwiżżier jagħti r-risposta t-tajba. Dawk il-plejers li jkunu mmarkaw ir-risposta t-tajba jagħmlu marka fuq il-punti.

Wara li l-kwiżżier ikun staqsa s-sitt mistoqsijiet, il-plejers jgħoddu t-total tal-punti li jkunu ġabu f'din il-logħba u jiktbuhom fil-kaxxa tat-total il-ħamra.

## 2. Agħraf il-kelma




F'din il-logħba, il-plejers jilagħbu żewġ rawnds.

Għal kull rawnd, il-kwiżżier iqassam kard wiċċha 'l isfel lil kull plejer mill-mazz ta' **Agħraf il-kelma** u jipprepara l-klessidra. Hekk kif jibda l-ħin ta' minuta, il-plejers iridu jagħrfu l-kelmiet minn fuq il-kard u jiktbuhom fuq karta. Kif jispiċċa l-ħin, il-kwiżżier jiġbor lura l-kards u l-karti u jiċċekkja kemm-il kelma ġabu tajba. Il-plejers

jagħmlu marka fuq il-bord tal-punti skont kemm-il kelma jġibu tajba u jgħaddu għat-tieni rawnd.

Kif jintlagħbu ż-żewġ rawnds, il-plejers jgħoddu l-punti u jiktbuhom fil-kaxxa tat-total il-ħamra.

Wara jgħoddu l-punti taż-żewġ rawnds u jiktbuhom fil-kaxxa tat-total il-blu.

## 3. Stampa Spunt




Din il-logħba fiha żewġ rawnds. Fl-ewwel rawnd il-kwiżżier jistaqsi l-mistoqsijiet minn spunt 1 tal-kards u fit-tieni rawnd jistaqsi l-mistoqsijiet minn spunt 2.

Il-kwiżżier jiġbor kard mill-mazz ta' **Stampa Spunt** u juri r-ritratt lill-plejer fuq ix-xellug tiegħu. Wara jistaqsih il-mistoqsija.

Jekk il-plejer iwieġeb tajjeb, jagħmel marka fil-kaxxa tal-punti. Il-kwiżżier jiddisponi mill-kard wara kull mistoqsija, jiġbor oħra u jgħaddi għall-plejer li jmiss.

Wara li l-plejers kollha jkunu wieġbu żewġ mistoqsijiet kull wieħed, il-plejers jgħoddu l-punti tar-risposti li jkunu ġabu tajbin u jiktbu t-total fil-kaxxa l-ħamra u jaġġornaw it-total fil-kaxxa l-blu.

## 4. Fil-kubu

Din il-logħba fiha żewġ fażijiet – fil-kubu bil-bażer u fil-kubu bit-tubi. Fil-kaxxa nsibu żewġ mazzi kards, mazz għal kull fażi.

### Fil-kubu bil-bażer




Fil-mazz **Fil-kubu bil-bażer** insibu żewġ mistoqsijiet fuq kull kard. Il-kwiżżier jista' jistaqsi liema minnhom irid; anke t-tnejn li huma. Poġġu l-bażer fin-nofs fejn jista' jintlaħaq minn kulħadd.

Din il-logħba fiha 12-il rawnd.

Għal kull rawnd, il-kwiżżier jistaqsi mistoqsija lill-plejers kollha. L-ewwel plejer li jagħfas il-bażer jista' jwieġeb. Jekk iwieġeb tajjeb, il-plejers l-oħra jitilfu 10 punti kull wieħed. Jekk iwieġeb ħażin jew ma jweġibx, il-plejer li għafas il-bażer jitlef 5 punti. Il-plejers iridu jimmarkaw dawn il-punti fuq il-bord tal-punti.

Il-kwiżżier irid jerġa' jaqra l-mistoqsija lill-plejer jekk jiġi mitlub, anke jekk ma jkunx laħaq qara l-mistoqsija kollha meta l-plejer għafas il-bażer.

F'każ li ħadd ma jagħfas il-bażer, il-kwiżżier jgħaddi għall-mistoqsija li jmiss. Il-kwiżżier irid jistaqsi 12-il mistoqsija b'kollox.

## Fil-kubu bit-tubi




Waħħal it-tubi fil-ġenb tat-tray tal-kards u l-aċċessorji fit-toqob provduti.

Din il-logħba fiha 3 rawnds. Il-kwiżżier jiġbor kard waħda biss mill-mazz **Fil-kubu bit-tubi**. Fuq din il-kard insibu 12-il kaxxa bil-punti – waħda għal kull kulur tat-tubi.

Ma' kull tubu hemm abbinat numru ta' punti. Dawn il-punti huma indikati fuq il-kard li jkun ġabar il-kwiżżier. In-numru ta' punti abbinati mal-kuluri tat-tubi jvarjaw minn kard għal oħra.

Il-plejer bl-akbar numru ta' punti jibda. Ara 'L-ordni ta' kif jilagħbu l-plejers fir-rawnd' aktar 'il fuq.

Il-plejer jagħżel tubu minn ġol-kubu. Il-kwiżżier jgħid lill-plejers kemm hemm punti abbinati ma' dak it-tubu. Jekk il-plejer isib iċ-ċellola bonus jieħu 100 punt mingħajr ma jiġi mistoqsi ebda mistoqsija. Jekk il-plejer ma jsibx iċ-ċellola bonus, il-plejer jagħżel plejer avversarju u l-kwiżżier jistaqsih mistoqsija. F'każ li l-plejer li jkun qed jilgħab iwieġeb tajjeb, il-punti abbinati mat-tubu jitnaqqsu lill-plejer avversarju u jiżdiedu ma' tal-plejer li wieġeb tajjeb. Jekk il-plejer iwieġeb ħażin, il-punti abbinati mat-tubu jitnaqqsu minn tiegħu stess.

Wara kull mistoqsija, il-plejers involuti jimmarkaw il-punti li tilfu jew akkwistaw. Wara li l-plejers kollha jkunu lagħbu tliet tubi

kull wieħed, il-plejers jiktbu l-punti fil-kaxxa tat-total il-ħamra u jaġġornaw it-total fil-kaxxa l-blu.

## 5. Il-logħba tal-kategoriji




Din il-logħba tintlagħab b'mazz kards wieħed - **Il-logħba tal-kategoriji** imma maqsuma f'żewġ fażijiet. Il-plejer bl-akbar numru ta' punti jibda. Ara 'L-ordni ta' kif jilagħbu l-plejers fir-rawnd' aktar 'il fuq.

### L-ewwel fażi

L-ewwel fażi ta' din il-logħba fiha żewġ rawnds.

Għal kull rawnd, il-kwiżżier jiġbor in-numru ta' kards skont in-numru ta' plejers mill-mazz tal-kards **Il-logħba tal-kategoriji** u juri l-kategoriji fuq wara tal-kards lill-plejers kollha. F'kull rawnd, il-plejers, wieħed wara l-ieħor, jagħżlu kategorija. Il-kwiżżier irid jistaqsi ż-żewġ mistoqsijiet ta' fuq il-kard lill-plejer li jkun imissu jilgħab filwaqt li jagħti l-erba' għażliet ta' kull mistoqsija lill-plejer. Wara kull mistoqsija, il-plejer irid jagħżel ir-risposta t-tajba. Jekk jirrispondi tajjeb, jimmarka l-punti fuq il-bord tal-punti. Jekk jirrispondi ħażin, ma jitlifx punti u ma jimmarka xejn.

### Il-fażi finali

Il-fażi finali fiha tliet rawnds.

F'din il-fażi, il-plejers la jkollhom għażla tal-kategorija u lanqas jingħatawlhom għażliet.

Għal kull plejer, il-kwiżżier jiġbor kard mill-mazz **Il-logħba tal-kategoriji**, jagħżel mistoqsija li jrid u jistaqsiha lill-plejer li jkun imiss jilgħab. F'din il-fażi, il-plejer irid iwieġeb mingħajr ma l-kwiżżier jagħtih għażliet.

Għal kull risposta tajba, il-plejers jimmarkaw il-punti fuq il-bord. Għal kull risposta ħażina, il-plejers ma jitlifux punti u ma jimmarkaw xejn.

Wara kull mistoqsija, il-kwiżżier jibdel il-kard u jgħaddi għall-plejer li jmiss.

Fl-aħħar jingħaddu l-punti fil-kaxxa tat-total il-ħamra u l-plejers jaġġornaw it-total fil-kaxxa l-blu. Ir-rebbieħ tal-logħba huwa dak il-plejer bl-akbar ammont ta' punti.

# AGĦRAF IL-KELMA

tweġibiet

### #01
01 BUTIR/TRIBÙ
02 ĦARUF
03 BAJTRA
04 AGRIKOLTURA
05 DROGA
06 FESTA
07 ĠIDRA
08 ĦANUT
09 MUNTANJA
10 LINFA

### #02
01 KĊINA
02 MARTRI
03 NEJBA
04 ORFNI
05 PERLA
06 REGOLA
07 BETTIEĦA
08 PRIŻA
09 VOLPI
10 XKORA

### #03
01 GAMBLU
02 BASTUN
03 PASTUR
04 SPTAR
05 STAĠUN
06 KAĊĊATUR
07 VJOLA
08 WIŻNA
09 XIBER
10 TRADITUR

### #04
01 ĊERNA
02 DIFIŻA
03 FERITA
04 SPJUN
05 PULMUN
06 GALBU
07 GĦASFUR
08 FROTTA
09 SPAZJU
10 FRIŻA

### #05
01 KITLA
02 FTILA
03 BITĦA
04 ĦOFRA
05 IKĦAL
06 IDJOMA
07 KNISJA
08 BASTIMENT
09 MAGAŻIN
10 MODEST

### #06
01 MUŻIKA
02 PATRUN
03 RIKLAM
04 ORDNA/RONDA
05 STATWA
06 TARZNA
07 VAMPIR
08 XABLA
09 ŻIBEĠ
10 AĠENT

### #07
01 MUŻAJK
02 PENDLU
03 RITMU
04 ROVINA
05 STANGA
06 TEATRU
07 VEDUTA
08 XEDAQ
09 ŻVOGA
10 AJKLA

### #08
01 PROĊESS
02 QARMEĊ
03 RISKJU/JIKSRU/JISKRU
04 RUMANZ
05 STRAĠI
06 ĊERIMONJA
07 VENDA
08 XELTER
09 ADULT
10 DIRETTUR

### #09
01 BANJU
02 UMDITÀ
03 DAQNA
04 ENORMI
05 FANFRU
06 ĠIEBJA
07 GARŻA
08 ĦAWSLA
09 KARFUS
10 LAPIDA

### #10
01 BAQQUN
02 ĊEMPEL
03 DEDIKA
04 EPOKA
05 FLAWT
06 ĠLIEDA
07 RELIĠJON
08 ĦTIJA/ĦAJTI
09 KARTUN
10 LARINĠ

### #11
01 BARMIL
02 ĊIKLUN
03 TELEFOWN
04 ESPERT
05 FRAWLI
06 ĠULEPP
07 GIRNA
08 ĦNIENA
09 GARDELL
10 LEMBUT

### #12
01 LENTI
02 MAKTUR
03 MERĦBA
04 NEMUSA
05 BIRRERIJA
06 PIXXINA
07 QANTAR/QATRAN
08 REKORD
09 KULPARA
10 MINĊOTT

### #13
01 LITRU
02 MANKU
03 METODU
04 NERVUŻ
05 FJURI
06 PLURAL
07 QALZIET
08 RESTAWR
09 SALOTT
10 TAPARSI

### #14
01 LINGWA
02 MASKIL
03 MIDNEB
04 NIKET
05 OVALI
06 POEŻIJA
07 QADIM
08 RIĊETTA
09 DIŻASTRU
10 TAKKUNA

### #15
01 LIŻAR
02 MEMBRU
03 MIĠNUN
04 NOVENA
05 ORGNI
06 PRANZU
07 QARBEN
08 SPINAĊI
09 SALARJU
10 TARBIJA

### #16
01 TROFEW
02 UDJENZA
03 VERBI
04 WERREJ
05 XEMPJU
06 ŻBALL
07 MAZZITA
08 ALBUM
09 ANTENAT
10 SKJAVI

### #17
01 TENSJONI
02 PIXKERIJA
03 VERSI/SERVI
04 QARWEŻ/WERŻAQ
05 PATRIJA
06 ŻERNIQ
07 PJAZZA
08 ALJOTTA
09 BLOKKA
10 ĊIMBLU

### #18
01 PERŻUT
02 UVIERA
03 VIVAĊI
04 WIDNA
05 XEWKA
06 ŻONQOR
07 BOZZA
08 AMBJENT
09 KUMMISSARJU
10 STUFFAT

### #19
01 TIMBRU
02 ĠURNALIST
03 NOFSINHAR
04 WIRET
05 XTAJTA
06 ŻERŻAQ
07 PASTIZZ
08 AMORIN
09 BQIJA
10 SKUFJA

### #20
01 TISLIBA
02 URĠENTI
03 VULKAN
04 WIEĠEB
05 XKUPA
06 ŻATAT
07 DAZJU
08 ANĠLU
09 BRIKKUN
10 NASPLI

### #21
01 ĊANGUN
02 DAMASK
03 EŻODU
04 FRODI
05 ĠARDINA
06 GWIDA
07 GĦODWA
08 ĦARBAT
09 INFERN
10 KAMERA

### #22
01 ĊIPRESS
02 DIBATTITU
03 APERTURA
04 SKORFINA
05 ĠURAT
06 GANDOTT
07 GĦATBA/BAGĦAT
08 ĦAXWEX
09 INSETT
10 KANĊELL

### #23
01 ĊAJTA
02 DELITT
03 EMIGRA
04 FLORA
05 ĠIFEN
06 GAFFA
07 GĦOQDA
08 ĦERQAN
09 INTOPP
10 KANTANT

### #24
01 ĊELESTI
02 DENFIL
03 EKLISSI
04 FESSUD
05 ĠBEJNA
06 GAŻAŻA
07 FURMATUR
08 ĦLEJQA
09 ISTINT
10 KANTUN

### #25
01 ĊIRASA
02 DEŻERT
03 ENFASI
04 FAŻOLA
05 ĠGANT
06 GUSTUŻ
07 GĦAĠIN
08 ĦNEJJA
09 IŻOLAT
10 KAPTAN

### #26
01 LIMITU
02 MARTELL
03 NARĊIS
04 ORANĠJO
05 PREĊIŻ
06 QOXRA
07 RENJU
08 RETTILU
09 SPIŻA
10 AMBULANZA

## #27
01 SPARATURA
02 MASKRI
03 NAZZJON
04 OSTAKLU
05 POLZA
06 QUĊĊIJA
07 RIBELL
08 RIKATT
09 STUDJA
10 SULTAN

## #31
01 TROFFA
02 KATNAZZ
03 TRAVU
04 TIĠIEĠA
05 BOXXLA
06 ŻARMUĠ
07 DOMNA
08 FAĊENDA
09 FEKRUNA
10 ĠENJU

## #35
01 TAVLA
02 TEMPJU
03 ŻARBUN
04 DUNDJAN
05 DWELL
06 EGOIST
07 EŻATT
08 FAWNA
09 GRUPPI
10 GĦADIRA

## #39
01 KUNJATA
02 PARRINU
03 UNJONI
04 VELOĊI
05 ALKOĦOL
06 XKAFFA
07 XEBLEK
08 ŻBIBA
09 BERITTA
10 FIDDA

## #43
01 KANTIN
02 STORBJU
03 ĠELATINA
04 FILGĦODU
05 TORTURA
06 FRAĠLI
07 GRANITA
08 PISTOLA
09 XANDAR
10 QALBA/QABLA

## #47
01 PJANETA
02 XPAKKA
03 ĠIRAFFA
04 KURITUR
05 XELLUG
06 SKALORA
07 BAĊIR
08 STROFA/FROSTA
09 PORVLI
10 MURTALI

## #28
01 LANĊA
02 MAĠIJA
03 FRISKATUR
04 OSTAĠĠ
05 PREMJU
06 QRONFLA
07 KLAMAR
08 ROKNA
09 STORJA
10 REGATTA

## #32
01 SKORPJUN
02 SKRIVAN
03 KUTRA
04 TMIENJA
05 ŻOKRA
06 MADUMA
07 DUBLETT
08 TNALJA/TALJAN
09 FATALI
10 KAŻBAR

## #36
01 GĦASEL
02 ĦAMBAQ
03 MINESTRA
04 IDJOTA
05 KLINIKA
06 KWARTA
07 LANZA
08 MUNITA
09 OFFIŻA
10 FTIRA

## #40
01 KURUNA
02 PRINTER
03 FILTER
04 KARIŻMA
05 GENDUS
06 ĦAWĦA
07 SKUNA
08 KILWA
09 LANĠASA
10 IMPJEGAT

## #44
01 KWADRU
02 MERILL
03 PRUWA
04 SKONT
05 FROĠA
06 TROMBA
07 GĦAKSA
08 ĠELAT
09 PERIT
10 VAGUNI

## #48
01 SIĊĊA
02 FERĦAN
03 TENTUFA
04 KANNOLI
05 ĠARRA
06 FWIEĦA
07 DISTAKK
08 HEWDEN
09 ARLOĠĠ
10 GRIŻA/GŻIRA

## #29
01 LEGALI
02 MAĦŻEN
03 NEPUTI
04 ORGANU
05 PRESSA
06 QASRIJA
07 RUKKELL
08 RUTINA
09 SAPUNA
10 SEFTUR

## #33
01 KATUSA
02 PINZELL
03 RISPETT
04 TMINTAX
05 ŻRINĠ
06 DRAGUN
07 TOMBLA
08 FAMUŻ
09 ĠINĠER
10 ĠUVNI

## #37
01 KUMPENS
02 LUKKETT
03 OĊEAN
04 PETROL
05 QASTAN/QASTNA
06 RADJU
07 KUĠIN
08 SEMPLIĊI
09 TIMIDU
10 URAGAN

## #41
01 KURRENT
02 GERFEX
03 KAMIN
04 LIKWIDU
05 POETA
06 KANUNI
07 KLIMA
08 SKADUT
09 MANDOLIN
10 NISRANI

## #45
01 KWOTA
02 LIĊENZJA
03 VOKALI
04 MISLUTA
05 MUNTUN
06 FANFRI
07 ĠOBNA
08 BRIMBA
09 DIFER
10 LANĠAS

## #49
01 TABELLA
02 SIKKINA
03 MOQDIEF
04 PINGWIN
05 ĊATTRA
06 BILJETT
07 FUNTANA
08 MIDALJA
09 PULTRUNA
10 RAVJUL

## #30
01 LIBRAR
02 MAQJEL
03 NORMALI
04 OĠĠETT
05 PRINĊEP
06 QANFUD
07 RUTELLA
08 ROMBLU
09 SEKLU
10 SENDUQ

## #34
01 PITAZZ
02 TURIST
03 TIMPANA
04 MILJUN
05 ZUNTIER
06 DUBJU
07 EŻAMI
08 SPONŻA
09 FAVUR
10 GROTTA

## #38
01 KUNĊERT
02 ŻBANDOLA
03 SERBUT
04 UNIKU
05 VETTURA
06 VJOLIN
07 VULGARI
08 XAQLEB
09 KANNESTRU
10 KAZZOLA

## #42
01 KUSTILJA
02 GEDDUM
03 ONESTA
04 PERSUNA
05 QUBBAJT
06 ĠIGĠIFOGU
07 KANTUNIERI
08 DENĊI
09 SKORFNA
10 PEPRIN

## #46
01 KOMDU
02 ĦUTTAFA
03 FARDAL
04 WIRDIEN
05 BELLUS
06 PANIKU
07 MIKROBU
08 WIŻŻA
09 FOLJA
10 ĠURNATA

## #50
01 BAGALJA
02 KALAMITA
03 MUSMAR
04 PIĠAMA
05 KITARRA
06 FABBRIKA
07 MITĦNA
08 SANDLI
09 SURMAST
10 BALENA